KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 71

Il-wieħed u sebgħin tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 20 ta' Lulju 2017 fis-6.22 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3) | Nanette Castaldi Paris | Kusnillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*71.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*71.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*71.5 Rapporti ;*
*71.6 Gemelaġġ ma' Bialystok ;*
*71.7 Nuqqas ta' attendenza ta' Kunsillier;*
*71.8 Skema Proġetti Kapitali 2016;*
*71.9 Laqgħa tal-lokalita;*
*71.10 Sejħa għall-offerti: Gbir ta' skart riċiklabbli;*
*71.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitati;*
*71.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*71.13 Mozzjonijiet ;*
*71.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 71.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

71.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-ittra ta' appoloġija tal-Kunsilliera N. Castaldi Paris. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni li tiġi skuzata bhala assenti b'apologija.

## 71.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

71.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 70 tas-seduta 27 ta' Gunju, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

71.2.2 Is-Sindku talab li ssir korezzjoni f' punt 70.3.4 u l-aħħar frazi tinqara kif ġej: 'u dan wara li s-Sindku kien attenda laqgħa mal-Kappilani fejn saret stedina biex ilkoll niltaqgħu ma SOS Malta.'

71.2.3 Is-Sindku irrefera għall-punt 70.8.3 u talab li ssir korrezzjoni fi frazi u tinqara: 'xogħol li sar bejn Fond Għadir u t-Torri' u mhux *Exiles Beach.*' Kien hemm qbil dwar dan.

71.2.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet li ssir korrezzjoni f'punt 70.4.9 u tizdied frazi wara s-sentenza li tispicca 'membri' hekk kif ġej: 'Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li l-interessi tal-membri tal-*pitch* għandhom jiġu salvagwardjati.'

71.2.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet li ssir korrezzjoni f'punt 70.4.10 u tizdied il-frazi wara l-ewwel sentenza u tinqara kif ġej: 'Il-Kunsilliera V. Galea Pace issuġġeriet li SLC jara kif joffri dan is-servizz hu ukoll. Is-Sindku issuġerixxa li inkellmu lil ta' San Giljan ...'

71.2.6 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet mitluba. Il-Kunsillier V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-minuti 70_20/07/2017*

*Is-seduta ġiet sospiza fis-18.36 sabiex jittieħed ir-ritratt uffiċċjali tal-Kunsilliera kollha. Is-seduta kompliet fis-18.55.*

## 71.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

71.3.1 Is-Sindku irrefera għal punt 70.3.1 dwar id-dwal fi Gnien Indipendenza. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li se jinqalgħu l-*floodlights* u b'hekk joħroġ aktar l-effett tad-dawl mill-*lighting lanterns* li twaħħlu. Dwar il-*canopies* is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu flimkien mal-Kunsillier J. Pillow nizlu mal-perit u raw kif qegħdin imwaħħlin il-*canopies*. Il-perit David Muscat se jkun qiegħed jaħdem fuq l-*ispecifications* tat-tender. Il-Kunsill ġie infurmat li l-proċess tat-tender miexi. Is-Sindku informa wkoll li se titranġa l-area tal-qtates u l-idea hi li jibqgħu protetti mill-elementi. Il-Kunsillier Pillow qal li lest li jgħin fis-set up għal *background* bħal li jkun hemm xeni ta' Tas-Sliema antika ecc. *Dwal fi Gnien Indipendenza*

71.3.2 Il-Kunsillier D. Muscat qal li kellu ħafna tgergir dwar l-istat tal-bankijiet. Kien hemm qbil li ssir il-manutenzjoni tagħhom u jekk ix-xogħol ma jkunx jista jsir min-naħa tal-ħaddiema tal-Gvern, ix-xogħol jiġi ordnat b'mod privat. *Manutenzjoni tal-bankinijiet fi Gnien Indipendenza*

71.3.3 Dwar punt 70.3.7 is-Sindku informa li wara li l-Kunsill għamel ħafna ilmenti mal-*Building Regualtions Office* dwar is-sospensjoni għas-sajf ta' xogħol ta' skavar u demolizzjoni, ġie mistieden mill-MTA biex jaraw xi siti flimkien. Il-Kunsilliera M. Aqulina qalet li ma tkunx ħaġa sewwa li s-Sindku jattendi meta ma taqax taħt ir-responsabbilita tal-Kunsill. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa kif din issejħet mill-MTA meta l-BRO taqa taħt il-*Planning Authority*. Is-Sindku wieġeb li l-MTA kemm jaraw liema toroq jaqgħu taħt il-kategorijia ta' toroq li ma jistgħux jaħdmu fis-sajf. Kien hemm qbil li s-Sindku jilqa l-istedina xorta waħda u li l-Kunsill Lokali joggezzjona li jitkompla id-demolizzjoni ta' dan is-sit. *Sospensjoni għas-Sajf Xogħol ta skavar u dimoluzzjoni*

71.3.4 Dwar punt 70.3.13 dwar l-*internal calls*, is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-iskrivani applikaw. Il-Kunsill approva li Roanna Fenech titla għal skala 11, Melody Ann Caruana Smith titla għal skala 13 u Bernice Gatt minn *part timer* tiġi *full timer* fuq skala 15. Dan kollu *Internal calls*

jseħħ mill-1 ta' Awissu, 2017. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li għal ħinijiet ta' filgħodu hemm bzonn li jiġi impjegat xi ħadd bħala *part timer* (kif kienet Bernice Gatt). Kien hemm qbil dwar dan ukoll.

71.3.5 Dwar punt 70.3.15 dwar xogħol ta' *resurfacing*, is-Sindku informa li x-xogħol jidher li miexi b'mod tajjeb. Sadanittant kien hemm qbil li tintbgħat *emai*l lill-Kunsilliera sabiex min irid jissuġġerixxi xi bankini/toroq li hemm bzonn isiru b'mod urgenti. *Xogħol ta resurfacing*

71.3.6 Is-Sindku informa li mir-Reġjun taċ-Centru tqassmet is-somma Ewro 100,000 bejn il-Kunsilli Lokali li applikaw u kellhom l-applikazzjoni taghhom approvata. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif l-applikazzjoni taghna ghal-rifuzjoni fuq patching estensiv ma gietx approvata mir-Regjun. Kien hemm qbil li għandhom jigu identifikati dawk il-bankini u toroq f'Tas-Sliema li qeghdin fl-aktar stat hazin, biex b'hekk ikun jista jintbgħatu lill-Gvern Centrali bhala prijoritajiet ghall-programm tieghu ta' bini ta' toroq godda. Kien hemm qbil li fost toroq oħra għandhom jiġu inkluzi dawn it-toroq: Triq Tigne, Triq il-Kbira, Triq it-Torri u Triq Manwel Dimech. Saddanittant kien hemm qbil li jsir xogħol fuq il-bankini fi Triq Manwel Dimech (bejn St Mary u St John the Baptist) min-naħa tal-Kunsill. *Rapport ta' toroq*

71.3.7 Dwar punt 70.4.3 dwar il-problema tal-ħamiem il-Kunsill ġie infurmat permezz ta' ċertifikat mediku li ħafna mil-mard qiegħed jiġi kkawzat mil-ħmieġ tal-ħamiem. Kien hemm qbil li l-proċess biex jinħelsu il-ħamiem jibqa għaddej. *Ħamiem*

71.3.8 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għall-*railing tal injam* (taħt il-kunvent tal-Karmnu) li hemm bzonn li jsir u li se jiġi jiswa madwar Ewro 1700 skont stima mil-*Manufacturing and Works Department* ghas-*supply* tal-injam. Kien hemm qbil li jsir. Il-Kunsillier J. Pillow qal li importanti li l-Kunsill jara li dan isir malajr u mhux li jiġi ordnat biss. *Railing tal-injam*

71.3.9 Is-Sindku informa li f'laqgħa bejn it-Tourism Zone Committee u l-Prim Ministru kien ġie diskuss ic-Chalet fost oħrajn. Fid-diskussjoni mal-Ministru Konrad Mizzi il-proġett tac-Chalet, reġa tqajjem. Hu qal li saru diskussjonijiet dwar il-ħsieb li ma dan il-proġett isiru ukoll faċilitajiet bħal latrini, *showers* ecc. għall-uzu pubbliku. *Proġett tac-Chalet*

71.3.10 Is-Sindku informa li bl-għajnuna tas-CSD wara laqgħa li s-Sindku *Kollaborazzjoni mill-*

u J. Pillow kellhom mas-Segretarju Parlamentari, se jiġi kkunsidrat aktar tindif u jitpoġġew reċipjenti għas-sigaretti fuq il-bajjiet. Se jkun hemm aktar tindif tal-*promenade* u l-bins se jitnaddfu u jitbattlu aktar spissi speċjalment għax-xhur tas-Sajf. Fir-rigward tal-*beaches* se jipprovaw li l-*beach ladders* jibdew jitpoġġew qabel is-sajf. Se jkun hemm tlett *beach ladders* li jitħallew għas-sena kollha. *Directorate Cleansing*

71.3.11 Is-Sindku informa dwar il-proġett tas-siġar fi Triq Dingli. Is-Sindku informa li l-PA ma laqghatx l-applikazzjoni ta' DNO izda dan irid isir permezz ta' *full development application*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li għadu ma pproċediex bil-perit għall *full development application* biex forsi insibu soluzzjoni mal-PA. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera P. Radmilli, J. Pillow qalu li ma jarawx għalfejn dan il-proġett jaqa taħt *full development.* Il-Kunsillier M. Briguglio jaqbel li jmur skont il-proċeduri biex naraw li r-residenti jridux li jsir u jekk jinqala xi intopp il-Kunsill ikun kopert la darba toħroġ l-approvazzjoni mill-PA. Is-Sindku qal li jekk ikollna xi ħaġa nieqsa jew kontra l-proċedura, u jkollna rapport wieħed minn resident/a, ma nkunux nistgħu nkomplu bil-progett. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa mas-Seg. Parlamentari Chris Agius flimkien mal-perit tal-Kunsill sabiex naraw jekk tistax tiġi evitata l-*full devolpment application* u l-proġett jimxi bid-DNO. *Proġett Dingli*

71.3.12 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ġie avviċinat minn kumpanija tal-IT fejn qegħin joffru sistema ta' WI-FI. *WI FI*

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 20.02*

Is-Segretarju Ezekuttiv talab li jkollu zewġ kunsilliera biex din l-offerta tiġi diskussa aħjar. Il-Kunsilliera P. Portelli u D. Muscat se jkunu qegħdin jiltaqgħu għall-aktar dettalji.

71.3.13 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-*Istock Exchange* in raprezentanza ta' kumpaniji u ipprezenta stampi ta' *planters* li kieku kellhom jitpoġġew f'Tas-Sliema għal *embellishment*. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa min se jibqa jieħu ħsieb il-manutenzjoni. Is-Sindku issuġerixxa li għandu jkun hemm grupp ta' volontarji li jieħdu ħsieb affarijiet bħal dawn jew simili bħal kif inhu *Sliema Heritage*. Il-Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio qalu li lesti li jgħinu biss sakemm jiġi mwaqqaf dan il-grupp. Il-Kunsillier J. Pillow qal li jkun tajjeb li naraw li jekk hemmx bzonn isir tip ta' permess għal dawn il-*planters*. *Planters- Embellishment*

*Kien hemm qbil li item 71.4 jiġi pospost u jiġi diskuss item 71.6*

**71.6 GEMELAĠĠ MA' BIALYSTOK**

71.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li *draft agreement* ta' twinning ġie ċċirkulat lill-Kunsilliera kollha permezz tal-email. Kien hemm qbil li dan jintbgħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**71.7 NUQQAS TA' ATTENDENZA TA' KUNSILLIER**

71.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li skont il-proċeduri tal-Kunsilli Lokali meta Kunsillier jitlef ammont ta' seduti irid jiġi notifikat il-Ministru. Il-Ministru se jiġi infurmat ukoll li dejjem kienet skuzata u approvata mill-Kunsill minbarra għal-seduta waħda fejn din kienet assenti.

**71.8 SKEMA PROĠETTI KAPITALI 2016**

71.8.1 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li wara li hu flimkien mal-Kunsillier J. Pillow saqu r-rota minn Spinola sa Tas-Sliema, wieħed jista jinduna kemm m'hawnx aċċess flessibbli għall-uzu tar-roti. Il-Kunsillier Radmilli qal li hemm bzonn tip ta' *action plan* għall-istruttura. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li joħorġu zewġ offerti permezz tal-fondi mill-iskema kapitali, wieħed għall-imsemmi *action plan* u l-ieħor għall-konsulenza fuq EU funding. Il-Kunsill qabel.

71.8.2 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li r-Reġjun Centru kien l-uniku li prezenta studju. Zied jgħid li minn Ewro 200,000 se jingħata parti mill-ammont ta' madwar Ewro 50,000 lill-Kunsill. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-problema li qiegħed jara li l-kuntratt ikun għal sena u qal li jista jkun jintilfu opportunitajiet li nistgħu napplikaw għall-proġetti oħra. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixa lir-Regjun li l-kuntratti jkunu għal tlett snin anke minħabba *programming periods* u pjanijiet oħra.

**71.9 LAQGĦA TAL-LOKALITA**

71.9.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-obbligu hu li ssir laqgħa darba fis-sena.

Madankollu s-Sindku fakkar li kienet saret deċizjoni fuq suġġeriment tal-Kunsilliera L. Cassar Shaw biex issir it-tieni laqgħa oħra mar-residenti. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-biċċa l-kbira tal-ilmenti jaqgħu taħt il-kategorja tal-*enforcement* u b'hekk issuġġerixxa li din il-laqgħa tiġi kkombinata fejn jiġu mistiedna Pulizija kif ukoll rapprezentanti mill-BRO u LESA. Kien hemm qbil dwar dan, u li l-laqgħa ssir il-Hamis 12 ta' Ottubru 2017 fis-6.00pm. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li għandu jkun hemm xi *drinks* qabel il-laqgħa biex ikun hemm atmosfera aħjar u li tattira aktar ir-residenti. Kien hemm qbil dwar dan.

## 71.10 SEJĦA GĦALL-OFFERTI: GBIR TA' SKART RIĊIKLABBLI

71.10.1 Dwar din is-sejħa kien hemm qbil li l-Kunsilliera M. Briguglio, D. Muscat, J. Pillow u P. Radmilli jiltaqgħu u jiddiskutu l-*ispecifications* ezistenti tal-Greenpak qabel ma' tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

## 71.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

71.11.1 Il-Kunsilliera ġew infurmati b'rapport dwar it-tender għall-manutenzjoni tal-lattrini. Il-Kunsill ġie infurmat li c-*cheapest compliant offer* kienet ta' G3B. Kien hemm qbil li jingħata l-kuntratt lil dan il-kuntrattur.

*Tender – Public Convenience*

71.11.2 Dwar it-tender tas-servizzi ta' planner (għall-oġġezzjoniet tal-PA), il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm tlett offerti. Il-bord evalwa t-tlett offerti. Il-Kunsill ġie infurmat li għalkemm il-perit Robert Grech kien l-għola offerta, hu kien l-iktar wieħed qrib tal-*objectives* u l-*policies* tal-Kunsill li ssemmew fis-sejha ghall-offerti. Il-Kunsill ġie infurmat li l-offerta taqbez Ewro 2000 mil-*budge*t kif kien stipulat, izda li hija xorta wahda *affordable*. Kien hemm qbil li l-kuntratt jingħata lill-perit Robert Grech għal sentejn.

*Tender tal-planner*

71.11.2 Dwar il-kuntratt tal-educational service providers li huwa relatat mal-proġett *homework aid for TCN parents*, il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm zewġ offerti mill-Outlook u mil-KOPIN. Il-bord għamel *interviews* maz-zewġ applikanti. Il-bord qiegħed jirrakomanda l-aktar offerta għolja minħabba li dawn jolqtu l-aktar dak li talab għalih il-Kunsill. Il-Kunsill f'ebda mument ma talab li jrid jagħzel l-irħas offerta. Mandankollu l-FPD qiegħed jitlob li l-Kunsill jiġġustifika għalfejn il-Kunsill qiegħed jagħzel l-għola l-

Tender - service providers

offerta. Il-Kunsilliera M. Aquilina spjegat kif waqt l-*interview* wieħed saqsa xi jrid isir u l-offerent l-ieħor fehem ezatt u qal kif se jagħti sehem f'dan il-proġett.

### 71.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

71.12.1 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-pagamenti numru 70 u 71 dwar it-*tipping fees* u qal li għal Tas-Sliema tagħmel differenza ukoll minħabba l-ammont sostanzjali ta' skart li qiegħed jizdied. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li filfatt kull sena suppost ssir revizzjoni tal-allokazzjoni għall-iskart skont il-popolazzjoni li qegħda tizdied f'Tas-Sliema. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiltaqa mas-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis sabiex jiġi diskuss dan. *Allokazzjoni għall-iskart*

71.12.2 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li meta jkunu qegħdin jaħslu l-bins jagħtu waħda *powerwash* fl-area. Is-Sindku qal li ma jistax isir kullimkien minħabba li din tiġi spiza zejda u f'dan il-kaz ikun tajjeb li ssir *powerwash* fuq il-bankini speċjalment fejn ikun hemm ħmieġ tal-ħamiem u ta' annimali oħra. Kien hemm qbil li tintalab kwotazzjoni mill-kuntratturi li jnaddfu l-*bins* għal *powerwash.* Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet li ssir *powerwash* fi Triq Graham (ma Triq it-Torri). Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hemm bzonn isir ukoll fejn it-taraġ taħt il-bridge. *Powerwash*

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.09*

71.12.3 Dwar il-kont numru 73 pagabbli lill-Arms, kien hemm diskussjoni jekk għandux jibqa jingħata l-ilma b'xejn mid-*drinking fountains* minħabba l-lok ta' abbuzi fil-konsum tal-ilma. Dan il-kont ġie Ewro 10,452. Il-Kunsillier P. Portelli jaqbel li dawn isiru bi ħlas u f'dak il-kaz jekk dan ma jkunx jista jsir dawn jingħalqu għall-pubbliku. Kien hemm qbil li din id-*drinking fountain* titwaqqaf u sadanittant niktbu lic-Chairman. Il-kont jinzamm *on hold*.

71.12.4 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni il-pagament minbarra numru 73. Il-Kunsillier P. Radmilli propona l-approvazzjoni. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil dwar dan.

## 71.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

71.4.1 Il-Kunsillier M. Briguglio propona li ssir laqgħa flimkien ma *Civil Protection* u *Occupational Health and Safety* kif ukoll ma *AKL*, dan biex il-Kunsill joħloq awareness permezz ta' kampanja kif għandu jkun hemm aktar sigurta f'residenzi jew postijiet. Kien hemm qbil dwar dan. *Kampanja – safety measures*

71.4.2 Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar biex insaqqsu lill-Ministeru tal-Lands għad-devoluzzjoni tal-*car park* tax-Xatt. *Devoluzzjoni tal carpark – The Strand*

71.4.3 Il-Kunsillier M. Brigulio talab biex insaqqsu għall-*update* dwar it-*timed parking*.

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta 21.34*

71.4.4 Is-Sindku informa bi stima għal servizz ta *circular bus* f'Tas-Sliema li kienet issuġġeriet V. Galea Pace. Il-prezz huwa ta' tlett darbiet fil-ġimgħa li hu ta Ewro 71. Dan jibda jsir fl-10 am u fis-2pm. Circular Bus

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.40*

Kien hemm qbil li din issir bi prova għal xahar u ssir tlett darbiet f'ġimgha.

71.4.5 Il-Kunsillier J. Pillow qal li *ticketing booths* tax-Xatt kellhom ikunu sitta biss u jsiru b'mod organizzat. Huwa issuġġerixxa li kif se jitneħħew għal festa ta' Stella Maris ikun il-ħin l-opportun li jitneħħew u ma jerġgħux jitpoġġew. Il-Kunsill irid jara jekk din tistax issir. *Ticketing booths*

71.4.6 Il-Kunsillier D. Muscat qal li hemm djar abbandunati fi Triq Manwel Dimech (fejn l-ex *stamp shop*) ma' Emilio Lombardi. Hemm ħafna ħmieġ saħansittra anke ġrieden. Dan huwa post privat u l-Kunsill li jista jibgħat lis-Sanita minħabba l-ġrieden. Kien hemm qbil dwar dan u għandu jiġi *copied* id-Direttur tas-Saħħa ukoll. *Abbandoned site*

71.4.7 Il-Kunsillier D. Muscat qal li hemm bzonn li titqassam il-formola għan-nominizzajonijiet għal Gieħ Tas-Sliema. Kien hemm qbil li *tas-Sliema Wirt u Niesha*

titqassam *door to door* minn distributur. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb iġib kwotazzjoni. Sadanittant is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsillier D. Muscat għandhom jiltaqgħu biex tiġi formolata l-applikazzjoni għan-nominazzjoni u tintbghat.

71.4.8 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li għad trid issir *cover switch* fi Pjazza Sant'Anna. *Pjazza Sant'Anna*

71.4.9 Il-Kunsillier J. Pillow qal ukoll li hemm bzonn li jkun hemm infurzar fuq min qiegħed iħalli l-*bricks* biex izomm il-parkeġġ. *Infurzar*

**71.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

71.14.1 Is-seduta intemmet fit-22.00. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 21 ta' Awissu 2017 fis-6pm. .

Minuti approvati llum It-Tnejn 21 t'Awissu 2017

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**